Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 36

**Data:** Il-Ġimgħa, 17 ta' Lulju 2020
**Ħin:** 17:00
**Post:** Uffiċini Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Perit Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Mistiedna:**
L-Onor. Karl Gouder

**Skużat:**
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Snr. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Il-President propona li jkun hemm sospensjoni tal-Aġenda sabiex issir il-laqgħa ma' l-Onor. Karl Gouder u wara tkun tista' tiġi eżwrita l-Aġenda kif kienet mibgħutha. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandu jsir kif kien propost.**

**Is-Segretarja preżentant l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Jesmond Aquilina. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġija tas-Sur Aquilina.**

**36.1 Laqgħa ma' l-Onor. Karl Gouder**

36.1.1 Il-President ta merħba lill-Onor. Karl Gouder u irringrazzjah talli għoġbu jiltaqa' mal-Eżekuttiv tal-AKL.

36.1.2 Il-President semma bħal dan iż-żmien sena l-AKL kienet għaddejja b' re-branding u tfasslet viżjoni. Kien jidher li x-xogħol li jridu jagħmlu l-Kunsilli Lokali ikun jista' jsir wara li l-Kunsill ikun saħansitra irribata wkoll mal-Gvern Ċentrali. Għaldaqstant, l-AKL bdiet taħdem u tikkordina ma' diversi entitajiet sabiex tiffaċilita' l-komunikazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

36.1.3 Semma li kien hemm re-branding fejn tbiddel il-logo tal-AKL u tfasslet viżjoni fuq erba' pillastri ewlenin:

- Mobilita' sostenibbli
- Żoni urbani
- Smart Cities
- Green Spaces

36.1.4 Il-President semma li meta tiġi biex timplimenta tibda issib diffikultajiet. Dan ġara wkoll saħansitra anki fl-ewwel proġett li nediet l-AKL, Slow Streets. Beda l-ewwel proġett pilota Reġjun Ċentru mill-Imsida għal San Ġiljan. Semma li fit-Tramuntana għadu ma beda l-ebda studju. Semma li anki jekk hemm proġett li ġej mill-AKL, l-importanti huwa li kullħadd ikun abbord tal-viżjoni u triq 'l quddiem. Semma li l-għajnuna tar-Reġjuni hija importanti.

36.1.5 Semma li minkejja r-Riforma li saret fil-liġi tal-Kunsilli Lokali, ir-Reġjuni għad fadlilhom ħafna x' joffru u għadd m'hemmx linji ċari tar-responsabbilitajiet. Sakemm ma tkunx fuq inizjattiva ta' Presidenti Reġjonali rispettivament, ir-Reġjonali mhux jiffunzjonaw. L-importanza li wieħed imur fuq bażi Reġjoanli għadha mhix tiġi enfasizzata.

36.1.6 Semma li sfortunatament meta jiġu appuntati ċerti nies f' ċerti karigi l-inqas ħaġa li jagħtu kas huma l-Kunsilli Lokali. Semma fuq livell ta' komunikazzjoni ingħaqqadna fuq il-pjattaforma You Safe li ser tinbidel b' mod li ser tkun qed tippromovi l-Viżjoni li nediet l-AKL. Semma li jidher li huwa importanti li Kunsilli Lokali u Kunsilli Lokali jingħaqdu anki fuq il-mod li bih jikkomunikaw mar-resident.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

36.1.7 Il-President semma li hemm nuqqasijiet anki fl-amministrattiv kif ukoll il-livell tal-Membri Eletti. Semma li għandu jkun hemm xi ħaġa konġuta bejn żewġ partiti sabiex il-kandidati prospettivi ikunu ta' ċertu livell.

36.1.8 Is-Sur Anthony Mifsud daħal għal-laqgħa 17:26

36.1.9 L-Onor. Karl Gouder semma li jixtieq jgħid grazzi lill-AKL u kien għalhekk li intalbet din il-laqgħa. L-Onor. Gouder semma li huwa jemmen li n-nies japprezzaw dak li jagħmel il-Kunsill Lokali.

36.1.10 L-Onor. Gouder irringrazzja lill-AKL tal-Viżjoni ppreżentata. Semma li jemmen li l-isfidi ewlenien huma:

- Ħafna Kunsilli jixtiequ jagħmlu ħafna aħjar imma riżorsi m' hemmx biżejjed – semma li jixtieq li jgħin biex jinstabu dawn ir-riżorsi
- Ir-reazzjoni tagħhom mal-entitajiet pubbliċi – semma li għandna flimkien insibu formula kif inġibu l-entitajiet tal-Gvern jaħdmu flimkien.
- Għadd hemm qasma bejn il-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjoanli. Jista' jkun li Għawdex din tinħass inqas.

36.1.11 Semma li għaddej b' laqgħat mal-Ministru l-Onor. Jose Herrera anki fuq skart riċiklabbli u diversi materja oħra.

36.1.12 Chev. Paul Farrugia semma li meta beda l-kanditatura tiegħu 20 sena ijlu, il-kandidati kienu jieħdu l-irwol tagħhom bħala Membri eletti b' mod aktar b' saħtu.

36.1.13 Is-Sur Anthony Mifsud semma li huwa ferm diffiċli li jinsabu kandidati speċjalment f' irħula żgħar.

36.1.14 Dr. Azzopardi semma li l-Kunsill Lokali għandu jkollu aktar seta' fuq dak li jimplimenta. Semma li jekk ikun hemm linji gwida li l-Kunsill Lokali jimxi miegħu, l-Awtoritajiet Regolatorji jidħlu biss jekk il-Kunsill Lokali mhux jimxi mar-regolamenti stabbiliti. Semma li l-burokrazzija hija waħda elaborata.

36.1.15 Il-President semma li tajjeb li jkun hemm kandidati ġodda kif ukoll kandidati ta' sess feminili biss pero kultant il-Partiti jaġevolaw lil dawn il-kandidati li dan iġib frustrazzjoni tal-kandidati l-oħra.

36.1.16 Is-Sur Joe Cordina semma li anki l-Partit il-mod kif imexxu lill-kandidati. Semma wkoll li s-sistema Taljana hija tajba fejn il-kandidati tal-Partit rispettiv ikunu diġa jafu min hu s-

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

Sindku. Semma li fi tnax-il sena Sindku jrid jara kif iżomm lil sħabu tal-istess Partit kuntenti.

36.1.17 Chev. Paul Farrugia semma li minn meta r-Reġjuni bdew joħorġ ċerti skemi, is-Sindki bdew jattendu għal-laqgħat. Semma li d-Dipartiment irid ikun aktar effiċjenti.

36.1.18 Il-President semma li l-AKL qed tipprova tinvolvi għadd ta' NGOs fosthom BAG, CRPD u oħrajn.

36.1.19 L-Onor. Karl Gouder irringrazzja lill-Eżekuttiv u talab li jħalli l-laqgħa għall-ħabta ta' 18:20.

**36.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 35**

36.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.35.

36.2.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif preżentati.

**36.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa b' urġenza Nu. 35**

| | |
|---|---|
| **36.3.1 BOV** | Il-President semma li l-AKL kienet ser torganizza laqgħa għall-ħaddiema u Segretarji Eżekuttivi biex jiġu spjegati proċeduri ġodda li ġew fis-seħħ min-naħa tal-BOV. |
| **36.3.2 Spejjeż Kunsilli Reġjonali relatati mat-Tribunali Lokali** | Il-President semma li ġie konkluż ir-revużjoni li l-LESA għandha tgħaddi lir-Reġjuni sa sena 2018. |

**36.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 35**

36.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u Dr. Samuel Azzopardi ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-12 ta' Ġunju 2020 u s-17 ta' Lulju 2020 li kienet tammonta għall-€84,261.75.

**36.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapport Finanzjarju Tieni Kwart tas-Sena 2020**

36.5.1 Il-President preżenta r-rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2020.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

36.5.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**36.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Business Plan 2020 – 2024**

36.6.1 Il-President preżenta il-Pjan ta' Ħidma 2020 – 2024.

36.6.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u s-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva r-rapport.

**36.7 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **36.7.1 Wifi4EU** | Il-President semma li dawk il-Kunsilli li l-AKL applikat għan-nom tagħhom, ġew kwalifikati sabiex jieħdu il-voucher mill-iskema. |
| **36.7.2 Laqgħa ANSEK** | Il-President semma li kien attenda għal-laqgħa ta' kortesija mal-President tal-ANSEK sabiex jiġu iċċarati xi materji li fuqhom kien hemm xi diżgwit bejn iż-żewġ partijiet. |
| **36.7.3 Climate Change Development Plan** | Il-President semma li wara laqgħa li r-Reġjuni kellhom mal-Onor. Aaron Farrugia, ir-Reġjun għandu jissottometti r-rispons tiegħu fuq id-dokument li kien preżentat. |
| **36.7.4 Slow Streets Project** | Il-President semma li l-Periti bdew il-laqgħa ma' Sindki mir-Reġjun Ċentru sabiex jiġi implimentat l-ewwl proġett pilota. |
| **36.7.5 Proġett EDIC** | Il-President semma li l-AKL ser tkun qed terġa tissottometti l-proposta tagħha għall-proġett EDIC. |
| **36.7.6 BBQ AKL** | Il-President fakkar li nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju ser ikun hemm BBQ organizzat mill-AKL għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. |
| **36.7.7 L-Assoċjazzjoni ta' Persuni bil-Kundizzjoni tal-ADHD** | Il-president semma li l-Assoċjazzjoni tal-Persuni li jbgħatu mill-ADHD għamlu kuntatt mal-AKL sabiex jiġu organizzati xi attivitajiet. Il-President semma li l-AKL għaddiet il- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

kuntatt tar-Reġjuni rispettivament sabiex dawk interessati jkunu jistgħu jassistu.

**36.7.8 Civil Society Committee**

Il-President semma l-AKL kienet interessata li tapplika għall-fondi mill-proġett ESF Priority Axis 4. L-AKL kienet eliġibli peress li hija membru fil-Kumitatt tas-Soġjeta' Ċivili fi ħdan l-MCESD. Jidher li l-Membri l-oħra tal-MCESD ma qablux. Il-President semma li l-AKL ser tkun qed tibda proċess biex ikollha siġġu dirett fuq il-kumitatt tal-MCESD u tħalli l-Kumitat tas-Soċjeta' Ċivili.

**36.7.9 Stedina mill-Partit Laburista lir-rappreżentant tal-AKL għal-Laqgħa Ġenerali tal-Partit**

Il-President semma li kienet intbgħatet stedina lir-rappreżentant tal-AKL. Il-President staqsa jekk kienx hemm xi ħadd interessat li jattendi peress li hu ser ikun qed jirrappreżenta lill-Amministrazzjoni tal-Partit. Il-President għadda d-dettalji tal-laqgħa għal dawk li xtaqu jattendu.

**36.7.10 Eko-Skola**

Il-President semma li l-AKL kellha kuntatt ma' l-Eko-Skola fuq l-implimentazzjoni tal-proġett Slow Streets.

**36.7.11 Salarji ħaddiema AKL**

Il-President semma tnejn mill-Ħaddiema tal-AKL kien imisshom jitilgħu notch f' Jannar li għadda għaldaqstant l-aKL ser tkun qed tħallas id-differenza tax-xhur li għaddew, lura minn Jannar 2020.

**36.7.12 FAR**

Il-President semma li kien ser jitneħħa laptop mill-FAR li ġie rimborsat mill-assigurazzjoni kif ukoll laminating machine.

**36.7.13 Board Resoultion – Kont Bankarju APS "Slow Streets"**

Il-President semma li riedet issir Board Resoultion sabiex jinfetaħ kont bankarju mal-APS għall-fondi li TM ser tkun qed tgħaddi għall-proġett Slow Streets.

**36.7.14 OK Project – Aġenzija Appoġġ**

Il-President semma li saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-Aġenzija Appoġġ fuq il-proġett OK. Proġett li jindirizza liż-żgħażagħ vulnerabbli. Il-President semma li għadda l-kuntatti tar-Reġjuni sabiex dawk interessati jipparteċipaw ikunu jistgħu jagħmlu kuntatt magħhom.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**36.7.15 Emendi fil-proposti tal-Fondi tal-LESA.**

Il-President semma li l-AKL irċeviet mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u tal-Iklin sabiex ikun hemm emendi fl-attivitajiet imtella' minħabba l-pandemija tal-COVID-19. L-Eżekuttiv approva l-emenda tal-Mellieħa filwaqt li talab li l-Kunsill Lokali tal-Iklin jagħmel proposta minflok jgħaddi l-ammont għas-sena 2021. L-AKL tfakkar li l-fondi allokati jistgħu jintużaw sa l-aħħar ta' Mejju 2021.

**36.7.16 Tiżjin tal-Milied għall-faċċata tal-Binja tal-AKL**

Il-President semma li l-kwotazzjonijiet kienu inġabbru u l-AKL ser tkun qed tagħmel użu mis-servizz ta' l-irħas offerta sottomessa.

**36.7.17 Sejħa għall-offerti għas-servizz ta' sala u catering għal-laqgħat tad-dekasteri**

Il-President semma li ser ikun qed toħroġ sejħa għall-organizazzjoni ta' 14-il laqgħa għas-Sindki u l-Kunsilliera fuq r-responsabilitajiet tad-dikasteri.

**36.8 Affarjiet Oħra**

**36.8.1 Planning Fund**

Is-Sur Michael Fenech Adami semma li r-Reġjun Ċentru saret laqgħa online ma' rappreżentanti mill-Planning Fund. Is-Sur Fenech Adami semma li jidher li hemm diżgwit fuq kif ġew deċiżi l-kriterji ta' dan il-fond. Fuq proposta tal-President l-Eżekuttiv qabel li waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.37 għandhom jiġu mistiedna dawn ir-rappreżentanti tal-Planning Fund.

**36.8.2 Ħidma fir-Reġjuni**

Is-Sur Michael Fenech Adami semma u enfasizza l-punt li r-Reġjuni għandhom jaħdmu f' uniformita' bejniethom. Wissa' wkoll li jekk Reġjun jiddeċiedi li jmur għar-rasu jkun qed iħalli impatt ħażin fuq il-kumplament tar-Reġjuni.

36.8.3 Is-Sur Anthony Mifsud talab li jħalli l-laqgħa 19:07

**36.8.4 Delegazzjoni mill-EESC**

Is-Sue Joe Cordina semma li kien għadu kif irċieva korrispondenza li EESC ser tkun qed iġġib delegazzjoni Malta. Il-President talab lis-Sur Cordina li bħala Kap tad-Delegazzjoni għandu jikteb lill-EESC li l-Membri Maltin fi

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni japprezzaw jekk ikunu notifikati bit-tali delegazzjoni.

**36.9 Aġġornament**

36.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 25 t' Awwissu 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ġewwa l-binja tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.37 li nżammet nhar it-Tlieta, 25 t' Awwissu 2020.

**Mario Fava**
**President**